# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis 14 ta' Lulju, 2016**

**Talba Nru: 906/2015/VG**

**Vodafone Malta Limited [C-10865]**

**Vs**

**Janica DEBATTISTA u skont digriet datat 3 ta' Mejju, 2016 l-isem Janica Debattista gie jaqra Janica CINI**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fis-26 ta' Novembru, 2015** u li permezz taghha talbet lill-intimata thallasha s-somma ta' elf euro u tlieta u erbghin euro u erbgha u sebghin centezmi ta' euro [€1,043.74c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "L-intimata ghanda tigi kkundannata thallas l-ammont ta' elf u tlieta u erbghin Ewro u erbgha u sebghin centezmu (€1,043.74), rapprezentanti l-ammont dovut lis-socjeta attrici ghas-servizzi u prodotti provduti lill-istess intimata abbazi tat-tariffa 'VODA RED BSC CON-TYHTA' referibbli ghall-kont bin-numru 1.10981427,

u dan kif jirrizulta mir-rendikont hawn anness u mmarkat bhala Dok. VF1.

Illi minkejja li l-intimata giet interpellata diversi drabi b'talba ghall-pagament effettiv tal-ammont hawn reklamat, hi baqghet inadempjenti bil-konsegwenza illi kellha tigi adottata din il-procedura.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali mid-data ta' meta l-ammont reklamat sar dovut sad-data tal-pagament effettiv tal-istess ammont, kontra l-intimata illi hi, minn issa, ingunta ghas-subizzjoni taghha".

Ra li l-intimata giet debitament notifikata fl-10 ta' Mejju, 2016 u li baqghet ma resqet l-ebda risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal fil-21 ta' Gunju, 2016 , fis-6 ta' Lulju, 2016 u tal-lum.

Ra l-verbal tal-lum stess fejn Dr. Jeremy Debono in rapprezentanza tas-socjeta rikorrenti ddikjara bil-gurament tieghu li l-ammont reklamat f'dawn il-proceduri u cioe l-ammont ta' €1,043.74c kien ghadu dovut.

Ra li Dr. Joseph Grech fis-seduta tal-lum ddikjara li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talab lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimata, tas-somma ta' elf euro u tlieta u erbghin euro u erbgha u sebghin centezmi ta' euro [€1,043.74c] rapprezentanti l-ammont dovut lis-socjeta attrici ghas-servizzi u prodotti provduti lill-istess intimata abbazi tat-tariffa 'VODA RED BSC CON-TYHTA' referibbli ghall-kont bin-numru 1.10981427.

   Ikkunsidra;

2. Dr. Jeremy Debono kkonferma llum stess li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimata.

   Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

   *(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

   (a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

   *Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

   *(b) <u>Jekk il-konvenut jonqos li jidher</u>, il-gudikatur <u>jista</u> jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, l-intimata giet debitament notifikata fl-10 ta' Mejju, 2016 u li la resqet risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti miżmuma quddiem it-Tribunal.

7. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mill-intimata.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elf euro u tlieta u erbghin euro u erbgha u sebghin centezmi ta' euro [€1,043.74c] bl-imghaxijiet legali mid-data ta' meta l-ammont reklamat sar dovut sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha huma a kariku tal-intimata.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**